


Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2013) 6763 final.

Mehmuż: C(2013) 6763 final



MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT TA' DELEGA

Suġġett: Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-applikazzjonijiet li fihom iċ-ċomb.

Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (RoHS 2) tillimita l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi (iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromju eżavalenti, il-bifenili polibrominati u l-eteri difeniliċi polibrominati) fit-tagħmir elettriku u elettroniku. Id-Direttiva RoHS 2 (riformulazzjoni) daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Lulju 2011.

L-Annessi III u IV tal-RoHS 2 jelenkaw l-eżenzjonijiet ta' materjali u komponenti mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi tal-RoHS 2. L-Artikolu 5 jipprevedi l-adattament (l-inklużjoni u t-tħassir ta' eżenzjonijiet) tal-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku. Skont l-Artikolu 5, l-eżenzjonijiet għandhom jiġu inklużi fl-Annessi III u IV, bil-kundizzjoni li din inklużjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u jekk tiġi ssodisfatta kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: it-tneħħija jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u l-komponenti li ma jkunux jeħtieġu materjali jew sustanzi elenkati fl-Anness II ma tkunx prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku; l-affidabbiltà tas-sostituti ma tkunx żgurata; jew it-total tal-impatti negattivi fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur ikkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li jkun ogħla mit-total tal-benefiċċji għall-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur.

L-Artikolu 5 tal-RoHS 2 jistabbilixxi proċedura għall-adattament tal-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku. L-Artikolu 5(1)(a) tal-RoHS 2 jistipula li l-Kummissjoni għandha tinkludi materjali u komponenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku għal applikazzjonijiet speċifiċi fil-listi fl-Annessi III u IV permezz ta' atti ta' delega individwali.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont id-dispożizzjonijiet għall-għoti, it-tiġdid jew ir-revoka ta' eżenzjoni, li jippermettu lill-partijiet interessati japplikaw għal eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi (l-Artikolu 5(3)), il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 30 talba għal eżenzjonijiet ġodda mindu ġiet ippubblikata l-RoHS 2. Sabiex issir evalwazzjoni tal-eżenzjonijiet mitluba, il-Kummissjoni kkummissjonat studju u wettqet il-valutazzjoni teknika u xjentifika meħtieġa li kienet tinkludi konsultazzjoni uffiċjali tal-partijiet interessati.¹ Ir-rapport finali huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-konsulenti; il-partijiet interessati u l-Istati Membri ġew innotifikati.² Il-paġna tal-proġett hija aċċessibbli fis-sit tal-internet tad-DĠ Ambjent.

¹ Il-lista tal-konsultazzjoni tiġi aġġornata regolarment u hija miżmuma mill-konsulenti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, u tinkludi organizzazzjonijiet tal-industrija, manifatturi u fornituri relatati mal-elettronika, riċiklaturi, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, NGOs, akkademiċi, rappreżentanti tal-Istati Membri eċċ.

²

http://rohs.exemptions.oeko.info/fileadmin/user_upload/Rohs_V/RoHS_V_Final_report_12_Dec_2012_Final.pdf

Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonsultat grupp ta' esperti uffiċjali għall-atti ta' delega skont l-RoHS 2. Fit-8 ta' Frar 2013 saret laqgħa mal-konsulenti u l-esperti, u l-esperti ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-proposta sal-24 ta' Marzu 2013. Il-grupp ta' esperti appoġġa unanimament il-proposta. Il-passi kollha meħtieġa skont l-Artikolu 5(3) sa (7) twettqu. Il-Kunsill u l-Parlament ġew innotifikati dwar l-attivitajiet kollha.

Fir-rigward tal-inklużjoni ta' eżenzjoni għal "komb fl-istann, il-kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati, il-konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, l-ugħ u konnetturi magħluqa li jintużaw a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immaġni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera, jew b) fil-kampji manjetiċi inqas minn 1m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotronici, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli", ir-riżultati tal-valutazzjoni wrew li l-kriterji rilevanti speċifikati fl-Artikolu 5(1)(a) ġew sodisfatti u l-inklużjoni tal-applikazzjoni speċifika fl-eżenzjonijiet elenkati fl-Anness IV hija ġustifikata. L-eżenzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Bħalissa ma hemmx sostitui li huma xjentifikament u teknikament prattikabbli u affidabbli biżżejjed għall-applikazzjonijiet ta' komb imsemmija hawn fuq: uħud mis-sustanzi jitfarrku malajr, ħafna minnhom għandhom karatteristiċi manjetiċi li jinterferixxu mal-funzjonalità tal-applikazzjoni, oħrajn mhumie x affidabbli għat-tul ta' ħajjet l-applikazzjoni jew inkella huma problematiċi minħabba l-kompożizzjoni tal-wiċċ fejn jitwagħhal. Jinħtieġ iktar żmien biex il-manifatturi jkollhom iċ-ċans isibu soluzzjonijiet mingħajr komb li jkunu affidabbli u sikuri.

3. KUNTEST TAL-ATT TA' DELEGA

L-att propost jagħti eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE (RoHS 2), li għandhom jiġu elenkati fl-Anness IV, għall-użu ta' komb f'applikazzjonijiet speċifiċi.

L-istrument propost huwa direttiva ta' delega.

L-abbozz tad-direttiva ta' delega jimplimenta d-Direttiva 2011/65/UE, u b' mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha.

L-għan tal-att propost huwa li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet sostenibbli fis-suq għal-manifatturi tal-elettronika, billi jippermetti applikazzjonijiet speċifiċi ta' sustanzi li suppost huma pprojbiti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-RoHS 2 u l-proċedura stabbilita fiha għall-adattament tal-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tagħha.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI .../.../UE

ta' 18.10.2013

li temenda għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb fl-istann, il-kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati, il-konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, l-qugh u konnetturi magħluqa li jintużaw a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immagħni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera, jew b) fil-kampji manjetiċi inqas minn 1m distanza mill-uċuh esterni tal-kalamiti ċiklotroniċi, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku,³ u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) Iċ-ċomb bħalissa jintuża fl-istann, il-kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati, il-konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, l-qugh u konnetturi magħluqa li jintużaw, minn naħa, f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immagħni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera; u, min-naħa l-oħra, fil-kampji manjetiċi inqas minn 1m distanza mill-uċuh esterni tal-kalamiti ċiklotroniċi, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli.
- (3) Bħalissa ma hemmx sostituti li huma xjentifikament u teknikament prattikabbli u affidabbli biżżejjed għall-applikazzjonijiet taċ-ċomb imsemmija hawn fuq. Il-manifatturi jeħtiġilhom iktar żmien biex isibu soluzzjonijiet mingħajr ċomb li jkunu affidabbli u sikuri.

³ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

(4) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18.10.2013

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 27 li ġej:

"27. Ċomb fi

- stann,
- kisjiet tat-terminazzjoni tal-komponenti elettriċi u elettroniċi u kisjiet tal-unitajiet ta' ċirkwit stampati,
- konnessjonijiet tal-wajers elettriċi, lqugħ u konnetturi magħluqa,

li jintużaw

- (a) f'kampji manjetiċi fl-isfera ta' raġġ ta' 1m madwar l-isoċentru tal-kalamita fit-tagħmir mediku tal-produzzjoni tal-immaġni bir-reżonanza manjetika, inkluż il-monitors tal-pazjenti mfasslin biex jintużaw f'din l-isfera, jew
- (b) f'kampji manjetiċi inqas minn 1m distanza mill-uċuħ esterni tal-kalamiti ċiklotroniċi, il-kalamiti għat-trasport tar-raġġi jew għall-kontroll tad-direzzjoni tar-raġġi applikati għat-terapija tal-partikoli.

Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020.”